KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tlieta u Tletin (33)***

***It-Tlieta, 22 ta' Ġunju, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

## 33.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji

33.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 32 li nżammet nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2021.

33.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 32 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

33.2.3 **Mozzjoni 33-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 32.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 32 ġew approvati unanimament.

## 33.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 33 (08) – Ġunju 2021*

33.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 33(08) biċ-ċekkijiet numru 7170 sa 7172 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 9976 sa 10010 li jammontaw €21,412.74

33.3.2 **Mozzjoni 33-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 33(08) bl-ammont ta' €21,412.74

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 33(08) ġiet approvata unanimament.

**33.4 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena Jan-Mar 2021</u>**

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill b'mod virtwali.*

33.4.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm fir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2021.

33.4.2 **Mozzjoni 33-03**: Wara din l-ispjegazzjoni, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2021.

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Kusilliera Rose Agius

Ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena Jan-Mar 2021 ġie approvat unanimament.

**33.5 <u>Korrispondenza</u>**

33.5.1 Reġgħet tressqet korrispondenza mingħand ERA dwar Recycling points fil-lokalita'. Ġejna nfurmati li l-Kunsilli li jonqsu milli josservaw dan ir-Regolament huma suġġetti għal penali. Il-Kunsill sostna l-pożizzjoni tiegħu li dawn ir-Recycling Points huma suġġetti għal rimi ta' skart illegali u għaldaqstant għandu jikteb ittra lill-ERA u jikkopja lill-Ministru li l-Kunsill mhux lest li jerġa joħloq post biex ikun hemm ħafna skart illegali u li joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti. Fl-ittra għandu jissemma ukoll il-fatt li l-Kunsill għamel talba sabiex tiżdied ġurnata oħra tal-ġbir ta' skart riċiklat u minkejja li din it-talba saret 'il fuq minn sena ilu, il-Kunsill baqa' bla risposta.

33.5.2 Tressqet korrispondenza dwar Skema biex jiġi ingaġġat Uffiċjal tal-Komunita' għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Il-Kunsill approva.

33.5.3 Tressqet korrispondenza dwar proġett pilota biex nidentifikaw żona fejn jista' jsir Community Garden. Il-Kunsill qabel li jekk iġib l-informazzjoni li hemm bżonn, japplika għaż-żona li hi pubblika fi fetħa ta' Triq il-Qattus.

33.5.4 Tressqet l-BOQ tal-proġett ta' Santu Rokku fejn tammonta għal €317,000.54. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat illi dan il-proġett jista' jiġi ffinanzjat kollu mid-Development Planning Fund tal-PA. Se ssir laqgħa mal-PA sabiex nibdew l-applikazzjoni għal dawn il-fondi.

33.5.5 Tressqet korrispondenza dwar pagament sabiex jinġiebu l-pulizija għal ħruq tan-nar li sar fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp. Dan il-pagement tħallas mill-istess għaqda u qed jitolbu rifużjoni tal-ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill iħallas dirett lil pulizija u huwa llegali li ssir rifużjoni. Is-Sindku Darren Abela spjega li t-talba saret il-Ġimgħa filgħaxija u ma kellux ċans imur l-għassa biex iħallas il-kont, huwa qal lill-Għaqda biex tħallas il-kont u wara jingħataw rifużjoni tal-ħlas. Għal din id-darba l-Kunsill qabel li jitħallsu. Dan minħabba li kull sena l-Kunsill iħallas il-gwardjani u din id-darba ma kienx hemm gwardjani u kellhom jintalbu l-pulizija.

33.5.6 Tressqet korrispondenza mingħand AKL dwar il-kontroll tal-ħamiem selvaġġ, fejn il-Kunsilli jistgħu joħorġu Bye Law għal Kontroll tal-Ħamiem. Il-ħamiem se jkun ikkontrollat billi jingħata għalf speċifiku biex il-ħamiem ma jkomplix jipproduċi. Il-Kunsillier Keith Fenech staqsa jekk saritx konsultazzjoni mal-Federazzjoni tal-Ħamiem. Dwar dan għandna nistaqsu lill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Kif ikollna risposta il-Kunsill ikun iktar f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni.

33.5.7 Tressqet korrispondenza ta' dwar appell għall-applikazzjoni PA/07556/17. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni fir-rigward.

33.5.8 Tressqet korrispondenza dwar applikazzjoni għal PA/02244/21. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sakemm il-post jibqa maħżen u mhux jiġi *warehouse*.

**33.6 <u>Tindif fil-lokalita'</u>**

33.6.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq din il-materja fuq l-Agenda tal-Kunsill minħabba nuqqasijiet li hawn fil-knis u t-tindif fil-lokalita' minkejja li l-Kunsill diġa ħareġ żewġ *default notices.*

33.6.2 Is-Sindku qal li hemm bżonn naraw x'irridu nagħmlu biex jekk hemm bżonn nitterminaw il-kuntratt. Din l-informazzjoni se tingħata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

33.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta dwar il-possibilita' li l-kenniesa jiġu impjegati mal-Kunsill

**33.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

33.7.1 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm issir mera int u ħiereġ minn sqaq fi Triq l-Andar. Il-Kunsill qal li jekk se titwaħħal waħda, se jkun hemm talbiet għal oħrajn fl-istess triq. Il-Kunsill ma jaqbilx li ssir biex ma jinħoloqx preċedent.

33.7.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li titpoġġa pjanta fi Triq ir-Rebbiegħa biex jingħalaq fejn hemm passaġġ żgħir. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li titpoġġa pot b'siġra.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa, is-Sindku Darren Abela talab li jkun skużat. Il-Laqgħa tkompliet mill-Vici Sindku Christine Dalli.*

**33.8 <u>Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera</u>**

33.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li hemm bżonn tinbidel mera fi Triq il-Belt Valletta għax imkissra.

33.8.2 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm talba biex Triq Dun Mattew Scriha tingħalaq b'bollard. Il-Kunsill ma jaqbilx li jsir dan.

33.8.3 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li l-one-way li kellha ssir fi Triq il-Qattus u li tressqet fil-laqgħat preċedenti għadha ma twaħlitx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li s-Sindku sab xi diffikulta dwarha u għaldaqstant l-aħjar li tiġi diskussa bejniethom.

33.8.4 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa jekk kienx hemm risposta dwar it-traffic Management plan li l-Kunsill kien bagħat għall-approvazzjoni tat-TM. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-approvazzjoni għadha ma ħarġitx.

33.8.5 Il-Kunsillier Andreas Gatt ressaq talba sabiex issir road hump fi Triq Tumbarellu. Il-Kunsill ma qabilx li ssir għax tista' tkun ta' nkonvenjent għal residenti oħra.

**33.9 Laqgħat tal-Kunsill**

Il-maġġoranza tal-Kunsill taqbel li l-laqgħat li jmiss jerġgħu jibdew isiru mill-binja tal-Kunsill. F'każ ta' diffikulta ta' mard jew raġunijiet oħra jista' jkun hemm il-possibilita' li xi kunsillier jipparteċipa fil-laqgħa b'mod virtwali.

**33.10 Mozzjonijiet**

Annessi mal-Minuti

**33.11 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 13 ta' Lulju 2021 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 33**

**Mozzjoni Ref:** 33-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 32

**Rose Agius**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

---

**Data:** 22 ta' Ġunju 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 33**

**Mozzjoni Ref: 33-02**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti – Ġunju 2021

**Andreas Gatt**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 22 ta’ Ġunju 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 33**

**Mozzjoni Ref: 33-03**

Biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena Jannar -Marzu 2021

**Andreas Gatt**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 22 ta' Ġunju 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**